MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2012

Numru 978/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Gabriel Micallef)**

**vs.**

**Edward Benjamin Bugeja**
**Isaac Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

**Edward Benjamin Bugeja**, ta’ hmistax (15) il-sena, bin Mark u Louise neé Kissaun, imwieled Sliema fit-2 ta’ Jannar 1997, residenti fil-fond 36, Moon Light, Triq Ferdinand Grech, Pembroke, u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 13797(M))

U

**Isaac Camilleri**, ta' tmintax (18) il-sena, bin Carmel u Josephine Ann neé Sant, imwieled Haz-Zabbar fit-22 ta' Settembru 1993, residenti fil-fond L-Immakulata, Triq Sir Temi Zammit, Mgarr, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 440393(M)

akkuzati talli nhar is-27 t'Awwissu 2012, ghall-habta tas-01.00hrs fi Triq il-Korp tal-Pinujieri, San Pawl il-Bahar u fi bnadi ohra f'dawn il-gzejjer:

1. ikkommettew serq aggravat ta' oggetti minn gewwa vetturi, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin u bix-xorta ta' haga misruqa.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali (*a fol.* 8) sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat li waqt is-seduta tallum, l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom u li kkonfermaw l-ammissjoni taghhom anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw il-pozizzjoni taghhom.

Semghet lil Victoria Scicluna (li tahdem is-Sedqa), li xehdet fil-konfront tal-imputat Edward Bugeja.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjoni migjuba kontra taghhom u din ghalhekk hija sodisfacentement pruvata.

Illi, dwar il-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti ser tiehu diversi fatturi in konsiderazzjoni, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputati, l-ammissjoni bikrija taghhom f'dawn il-proceduri, il-ko-operazzjoni taghhom mal-Pulizija, il-fedina penali taghhom (li hija wahda nadifa). Fil-konfront tal-imputat Edward Benjamin Bugeja, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li huwa ghandu biss 15-il sena u kif ukoll dak li xehdet Victoria Scicluna fis-seduta tallum.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li, fir-rigward tal-imputat **Edward Benjamin Bugeja**, rat Artikoli 37, 261(f), 261(g), 270 u 271(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u fir-rigward tal-imputat **Isaac Camilleri**, rat Artikoli 261(f), 261(g), 270 u 271(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni, issib liz-zewg imputati hatja tal-imputazzjoni migjuba kontra taghhom, izda billi Hija tal-fehma li fic-cirkostanzi piena karcerarja ma hijiex il-piena idonea u billi jissussistu l-elementi *ai termini* ta’ l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, a tenur ta’ l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tqieghed liz-zewg imputati taht ordni ta’ *probation* ghal perijodu ta’ tlett (3) snin mill-llum, liema ordni huwa soggett ghall-kondizzjonijiet elenkati fid-Digrieti moghtija llum stess u annessi ma’ din is-sentenza.

*Ai termini* ta’ l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti fissret lill-imputati bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta’ l-ordni ta’ *probation* u tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digrieti annessi ma’ din is-sentenza u li f’kaz li jonqsu milli jikkonformaw ruhhom ma’ dak l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f’kaz li jaghmlu reat iehor tul it-terminu ta’ l-ordni ta’ *probation,* jistghu jinghataw sentenza ghar-reat li tieghu instabu hatja b’din is-sentenza.

*Ai termini* ta’ l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza u ta’ l-ordnijiet ta’ *probation* moghtija b’Digrieti ta’ llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta’ Probation sabiex jassenjaw ufficjal tal-*probation* biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza tal-imputat Edward Benjamin Bugeja u tal-imputat Isaac Camilleri.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------